KLR 6/VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013 fil-17.30.

PREŻENTI: Il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, u l-membru Anthony Briffa.

Intqalet it-Talba.

**1. Rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni – *Service Tender for Project Administrator for the Setting up of an Integrated Cultural, Archaeological and Historic Trial.***

Tressaq ir-rapport (dokument A) u l-membri qablu li dan jiġi addottat u bħala *Project Administrator* tal-proġett jinħatar William Sultana.

**2. Rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni – *Service Tender for Technical Consultancy for the Setting up of an Integrated Cultural, Archaeological and Historic Trial*;**

Tressaq ir-rapport (dokument B) u l-membri qablu li din l-offerta tingħata lill-Perit Edward Scerri peress li l-prezz ma jaqbiżx il-*budget* ta' dan il-proġett. L-offerta l-oħra taqbeż il-*budget* li l-Kunsill ssottometta fl-applikazzjoni tal-proġett tal-*Hertitage Trail*.

**3. Korrispondenza**

Tressaqet korrispondenza mingħand:-

3.1 Transport Malta (TM) fejn intbagħtu żewġ talbiet għall-parkeġġi tal-persuni b'diżabilita' quddiem (i) George Grech ta' 'Gorcet Hse', Triq it-Tabib Anton Tabone u quddiem George Attard ta' 15, Triq Sir Arturo Mercieca. Ser jimtlew il-formoli.

3.2 Il-MEPA fejn inħareġ il-permess (PA/02044/10) rigward il-*Heritage Trail* taċ-ċentru tar-Rabat;

3.3 Is-Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella rigward il-qlugħ ta' Triq San Ġorġ qabel il-festa ta' San Ġorġ. Is-Soċjeta' ma ssibx oġġezzjoni dment li r-residenti jaqblu bil-miktub. Il-kunsillier Debrincat qal li ltaqa' mal-kuntrattur li ser jagħmel dan ix-xogħol u dan qal li qabel il-festa ta' San Ġorġ mhux possibbli li jibda'. Dan ser jibda' dritt wara l-festa ta' Santa Marija;

3.4 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali (Memo 17/2013) dwar sekma ta' għajnuna finanzjarja għal-s*treaming* tal-laqgħat *online*. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika sabiex jibbenefika minn fondi provduti minn din l-iskema.

**4. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

4.1 tiġi sottomessa applikazzjoni għall-*partners* fi proġett fi Slovenia – *The role of youth organisations in pervention of various forms of addiction;*

4.2 titranġa parti żgħira minn bankina li tinsab fi Triq Muniċipju Ruman quddiem l-aħħar post;

4.3 ssir talba lill-TM biex issir *bus stop* ġdida quddiem 104 fi Triq Santa Dminka.

Il-laqgħa spiċċat fis-18.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu 2013 fis-18.00.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eekuttiv